IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 46**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 24 ta' Novembru 2015 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |

**0.01 Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġu diskussi issa *items* nru 7 tal-aġenda. Dan sabiex l-konsultent maħtur mill-Kunsill, is-Sur Paul Bugeja ikun jista' jippreżenta r-rapport imħejji minnu dwar l-offerta għal servizz ta' Perit u *Contract Manager.* Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.**

**7.00 Għażla tal-offerta għal servizz ta' Perit u *Contract Manager* – RLC/T/0152/15**



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

7.01 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaċċetta r-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-konsulent maħtur mill-Kunsill, is-Sur Paul Bugeja u għalhekk irrakkomanda li l-offerta tingħata lill-uniku offerent li huwa l-*Med Design Associates Ltd*. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tar-rapport tal-konsulent jinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Għażla tal-offerta għal servizz ta' Perit u *Contract Manager* – RLC/T/0152/15

7.02 **Il-Kunsill qabel li jkompli bl-ordni tal-aġenda**

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 45**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G45 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 45

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 45** — Punti li joħorġu mill-Minuti G 45

2.01 3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li sabiex jinbidel il-vot oriġinali tal-*fuel* minn kif jidher fl-Estimi Annwali 2015, trid tittieħed deċiżjoni dwar minn liema vot ieħor ser jittieħdu. Pers li wasal iż-żmien sabiex issir l-Estimi Annwali 2016 gie deċiż li l-Estimi Annwali 2015 ma jiġux ratifikati. — Talba lill-Ministru tal-Finanzi

2.02 12.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù ma kienx aċċetta tali deċiżjoni. — *Bring-in-sites* ta' Misraħ il-Forok

2.03 17.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li r-*refresh* tal-*parking bays* tas-Saqqajja kienu saru. — *Parking Bays* is-Saqqajja

2.04 17.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li d-*double yellow lines* kienu saru. — *Double yellow lines* fi Triq Emanuele Stivala

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħmel stqarrija għall-istampa dwar in-nuqqas ta' konsultazzjoni li teżisti bejn 'Transport Malta' u l-Kunsill meta jsiru proġetti kbar infrastrutturali. Huwa saħaq li l-Kunsill kien qed jaffaċċja kritika inġusta u diversi attakki fuq il-midja soċjali minħabba dan in-nuqqas ta' konsultazzjoni. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. — Stqarrija għall-Istampa

3.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1263/15,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-Kap tal-Iskola Primarja tal-Baħrija, fejn qed jitlob kumpens għall-ħlas ta' servizz ta' trasport bejn l-iskola u l-Villa Rumana peress li l-kowċ ma setax jidħol għat-tfal tal-iskola minħabba li t-toroq għall-Baħrija kienu magħluqa minħabba xogħlijiet infrastrutturali. — Talba skola primarja Baħrija

Wara diskussjoni li saret il-Kunsill ma aċċettax din it-talba peress li tali xogħlijiet ma kinux qed isiru mill-Kunsill iżda minn 'Transport Malta'.

3.03 Is-Sindku ppreżenta talba mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Orietta Masini Cardona fejn qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex titrasferixxi l-bilanċ ta' 85 siegħa *f'vacation leave* li fadlilha għas-sena 2015 u jiġu trasferiti għas-sena 2016. Is-Sindku ppropona li t-talba tiġi approvata. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill approva unanimament. — Tiġdid ta' *Vacation Leave* tas-SE

3.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1134/15,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva stedina minn *Radio Mics* sabiex bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill jibda jixxandar programm dwar il-komunità Rabtija fejn fih jiġu diskussi diversi suġġetti li jolqtu l-lokalità. — Talba *Radio Mics*

## 4.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet

4.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 252 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. — L-iskeda tal-ħlasijiet numru 252

## 5.00 Ħatra ta' ambaxxatur/ambaxxatriċi tal-Vot 16 għal-lokalità tar-Rabat

5.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Ambaxxatur Lokali s-Sur Luke Vella kien għalaq it-tmintax-il sena u għaldaqstant m'għadux eliġibbli għal din il-kariga. — Ħatra ta' ambaxxatur/ambaxxatriċi tal-Vot 16 għal-lokalità tar-Rabat

Is-Sindku ppropona li s-Sur Christian Azzopardi jinħatar Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ għal-lokalità tar-Rabat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.00 Attivitajiet għall-Milied

6.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppreżenta proposta għall-attività tal-Milied għat-tfal. Huwa ppropona li din l-attività ssir nhar l-Erbgħa 23 ta' Diċembru mit-3.00 ta' filgħaxija 'l quddiem f'Misraħ il-Parroċċa. Din l-attività ser issir b'risq il-*Community Chest Fund*. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. — Attivitajiet għall-Milied

## 8.00 Tiġdid tal-offerta għat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* - RLC/T/133/13

8.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/133/13 għal servizz ta' tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda. — Tiġdid tal-offerta għat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* - RLC/T/133/13

## 9.00 Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' *accountant* – RLC/T/140/14

9.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/140/14 għal servizz ta' *accountant* u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' *accountant* – RLC/T/140/14

## 10.00 Tiġdid tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' *culverts* – RLC/T/141/14

10.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/141/14 għal servizz ta' tindif u manutenzjoni ta' *culverts* u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' *culverts* – RLC/T/141/14

## 11.00 Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizzi ta' avukat - RLC/Q/086/14

11.01 Is-Sindku ressaq il-kwotazzjoni RLC/Q/086/14 għal servizz ta' avukat u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizzi ta' avukat - RLC/Q/086/14

## 12.00 Korrispondenza

12.01 B'referenza għall-korrispondenza riċevuta mill-Għaqda Żgħażagħ Rabtin Pawlini u mill-Gwardjan tal-Komunità Franġiskana Konventwali dwar it-tiżjin tad-dawl tal-Milied fit-toroq tar-Rabat, il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-ħlas lil kull għaqda għandu jiġi rivedut kull sena skont l-ammont ta' toroq li jkunu ser jiġu armati. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament li l-ħlas għas-sena 2015 lil kull għaqda jsir kif ġej:

Armar tat-toroq għal żmien il-Milied

- Għaqda Żgħażagħ Rabtin Pawlini - €1,000
- Arċikonfraternità ta' San Ġużepp - €700
- Arċikonfraternità ta' San Anton Abbati u Madonna taċ-Ċintura - €300
- Komunità Franġiskani Konventwali - €350

12.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1200/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva tweġiba lura mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar il-każ ta' Triq Għobbejra. Il-Kunsill ġie infurmat li l-*main* tad-drenaġġ ta' Triq Għobbejra kien ser jitqabbad mal-*main* il-ġdid ta' Vjal il-Ħaddiem. Il-Korporazzjoni infurmat ukoll li jekk jinstab il-bżonn li l-*main* ta' Triq Għobbejra għandu bżonn jinbidel, dan ser isir għas-spejjeż tal-Korporazzjoni, però x-xogħlijet ta' *resurfacing* tat-triq irid isir mill-Kunsill għajr dak fuq il-wisgħa tat-trinka li ssir mill-Korporazzjoni.

Tweġiba dwar l-każ ta' Triq Għobbejra

12.03 B'referenza għall-korrispondenza riċevuta mis-Sur Costa fejn qed jilmenta dwar il-*Bring-in-Sites* ta' Misraħ il-Forok, is-Sindku ppropona li dawn jitneħħew minn Misraħ il-Forok u jitpoġġew bi prova fi Triq it-Tiġrija k/m Triq il-Merħliet. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel

*Bring-in-sites* ta' Misraħ il-Forok

unanimament.

12.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1227/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq vettura b'konsegwenza ta' gandott fit-triq. — Talba għal rimbors għal ħsara kkawżata fuq vettura

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa.

12.05 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1199/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq. — Talba għal rimbors għal ħsara fuq *tyre* ta' vettura

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa.

12.06 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1218/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq. — Talba għal rimbors għal ħsara ikkawżata fuq vettura

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa.

## 13.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru B14 u B15

13.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù B14 u B15 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru B14 u B15

## 14.00 Materji Oħra

14.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa dwar korrispondenza riċevuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn l-Kunsill kien qed jingħata l-opportunità li japplika għat-tielet parti tal-proġett tan-*Norway Grants 2009-2014*, fejn kemm-il darba jinkiseb riżultat pożittiv, il-Kunsill jidħol fiċ-ċans li jingħata unur ta' eċċellenza (*European Label of Governance Excellence*). Hija infurmat li ma kien hemm ebda spiża marbuta mal-parteċipazzjoni fl-imsemmi proġett, iżda kien hemm l-obbligu li l-Kunsill jagħmel kwestjonarji mar-residenti tiegħu dwar l-kwalitajiet tas-servizzi mogħtija lir-residenti mill-Kunsill. — Proġett ELOG

Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi l-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'dan il-proġett.

14.02 Is-Sindku ppreżenta l-programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani għall-perjodu bejn Jannar – Marzu 2016 li ħejjiet il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Fin-nuqqas tal-Viċi Sindku huwa ta spjega tal-programm. — Programm tal-ħarġiet għall-Anzjani

Is-Sindku ppropona li l-programm jiġi approvat. Issekonda din il-proposta l-Kunsilllier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.03 Is-Sindku ppreżenta l-istimi għal xogħol ta' *crete print* fi Sqaq nru 1 Triq il-Kulleġġ. Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li l-Kunsill japprova n-nefqa għal dan ix-xogħol skont l-istimi preżentati. Is-Sindku ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Xogħlijiet *ta' crete print* fi Sqaq nru1 Triq il-Kulleġġ

14.04 Is-Sindku informa l-laqgħa li għal sena oħra l-kumpanija TCTC kienet qiegħda torganizza flimkien mal-Kunsilli Lokali korsijiet tal-kompjuter bl-isem 'LearnIT', għall-prezz ta' €1,150. Is-Sindku ppropona li bħal kull sena l-Kunsill għandu joffri dawn il-korsijiet lill-kommunità Rabtija. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Korsijiet tal-komputer 'LearnIT'

14.05 Is-Sindku ppropona li din is-sena l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera, il-Membri taż-żewġ Kumitati Amministrattivi u għall-Amministrazzjoni tal-Kunsill issir nhar il-Ġimgħa 8 ta' Jannar 2016 fit-8.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Ikla tal-Milied

14.06 Is-Sindku informa l-laqgħa li kien qed jirċievi diversi lmenti dwar l-atteġġjament arroganti użat mill-kuntrattur tal-Kunsill is-Sur Melchior Dimech f'isem l-kumpanija *Dimbros*. Huwa saħaq li dan l-aġir mhux aċċettabbli u għaldaqstant ippropona li tinħareġ *default notice* lill-imsemmi kuntrattur. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. Ħruġ ta' *default notice*

14.07 Il-Kunsillier Stephen Borg qal li qed jirċievi diversi lmenti mir-residenti dwar l-influss ta' ħamiem li għandha fil-lokalità. Is-Segretarju Eżekuttiv wiegħbet li ser tgħaddi l-ilment lil *Pest Control Unit*. Influss ta' ħamiem

14.08 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li issiru s-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Ħobbejża. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. Sinjali tat-traffiku fi Triq il-Ħobbejża

**15.00 Data tas-seduta li jmiss**

15.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 29 ta' Diċembru 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

15.02 Il-laqgħa ntemmet fl-9.35 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 12 ta' Jannar 2016

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**